**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija mid-Deputy Speaker l-Onor Carmelo Abela f'Seduta numru 78 tat-Tnejn, 2 ta' Frar, 2009.**

*Ammissibilità u Kostituzzjonalità ta' Mozzjoni ta' Proċedura - Ordnijiet Permanenti numru 196 - Tifsira tal-frażi "skop partikolari"*

Is-Sedja ġiet mitluba biex tagħti ruling dwar l-ammissibilità tal-mozzjoni ta' proċedura numru 78 li qiegħda quddiem il-Kamra għad-diskussjoni tas-seduta tal-lum. Il-punti mqajjma mill-Onor A Farrugia huma li din il-mozzjoni tmur kontra l-Ordni Permanenti 196 li tgħid:

"Is-sospensjoni tal-ordnijiet permanenti hija limitata fl-applikazzjoni tagħha għall-iskop partikolari li għalih dik is-sospensjoni tkun ġiet mitluba."

L-Onor Farrugia qal ukoll li l-mozzjoni in kwestjoni tmur kontra numru ta' provvedimenti u l-ispirtu tal-Kostituzzjoni kif ukoll li qiegħda tipproponi Ordnijiet Permanenti ġodda.

Is-Sedja rat il-mozzjoni, il-Kostituzzjoni u l-Ordnijiet Permanenti. Jibda l-ewwelnett biex jingħad li l-Kostituzzjoni fl-artikolu 67(1) tagħha tagħti setgħa wiesgħa lill-Kamra biex tirregola l-proċedura tagħha billi tgħid li:

"bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, il-Kamra tad-Deputati tista' tirregola l-proċedura tagħha stess"

Għalhekk il-qofol tal-kwestjoni ddur fuq kif tifhem il-kliem "skop partikolari" fl-Ordni Permanenti 196 kif kwotat aktar 'il fuq.

Wieħed jinnota li l-kliem ta' dan l-Ordni Permanenti ma jitlobx ir-raġuni jew il-motivazzjoni għala qiegħda titressaq il-mozzjoni iżda jiddefinixxi l-limitu tas-sospensjoni li tkun qed issir b'dik is-sospensjoni. L-Ordni jitkellem dwar li s-sospensjoni tkun limitata fl-applikazzjoni tagħha għall-iskop partikolari. Għalhekk il-kliem "skop partikolari" għandhom jiftehmu bħala li qed jiddefinixxu l-limitu ta' applikazzjoni ta' dik il-mozzjoni. B'dan il-mod wieħed ikun jaf f'liema każijiet tista' tiġi applikata u f'liema ma tapplikax.

Dwar il-punt imqajjem mill-Onor Membru li hawn qed jinħolqu Ordnijiet Permanenti ġodda s-Sedja tinnota li kull sospensjoni twassal għal tibdil fl-Ordnijiet Permanenti min-natura stess tal-istess sospensjoni li hija marbuta mat-termini msemmija fil-mozzjoni. Dan huwa msaħħaħ bl-Ordni Permanenti 195 li jgħid:

"Iżda, kull Ordni Permanenti tal-Kamra jista' jiġi sospiż fuq mozzjoni magħmula wara avviż, din il-mozzjoni tkun ġiet approvata b'maġġoranza ta' dawk li jkunu preżenti u li jivvutaw".

Għaldaqstant is-Sedja jidhrilha li l-mozzjoni ma tmurx kontra l-Ordnijiet Permanenti jew il-Kostituzzjoni.